MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 34/2002

**Trimeg Limited**

**vs**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Trimeg Limited a fol. 1 tal-process ipprezentat fis-7 t'Ottubru 2002 fejn gie premess:-

1. Illi b'decizjoni ta' l-20 ta' Settembru 2002 fil-kaz fl-ismijiet premessi, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar cahad l-Appell interpost fil-25 ta' Frar 1997 mir-rikorrent mill-iskedar ta' sit fuq il-punent ta' Triq St. Andrew, Pembroke bhala parti mill-*valley protection zone* u l-*buffer zone* taghha skedata bhala livell 4 u dan skond avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 583 fis-6 ta' Settembru 1996, u b'hekk ikkonferma l-istess skedar;

Illi l-esponent hass ruhu aggravat bid-decizjoni fl-ismijiet premessi u ghalhekk qieghed bil-prezenti jinterponi umli appell minnha ghal quddiem il-Qorti ta' l-Appell kompetenti;

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Fl-ewwel lok il-Bord ta' l-Appell naqas li jaghmel apprezzament korrett tal-fatturi a bazi ta' liema l-art kienet originarjament skedata u b'hekk inkorra fi zball fil-ligi. Infatti huwa testwalment jirreferi ghal ragunijiet ta' natura xjentifika, apparti l-kwistjoni tal-*maquis community* u ta' l-uzu agrikolu, li ma gewx riferiti ghalihom fl-iskedar originali u ma saret l-ebda sottomissjoni dwarhom. B'dan il-mod ir-rikorrent gie michud lilu anke d-dritt ghas-smigh xieraq.

2. Fit-tieni lok ir-referenza ghall-uzu agrikolu bhala bazi ta' l-iskedar hija ngusta u rregolari billi l-uzu agrikolu ma jiggustifikax fil-ligi l-iskedar ta' proprjeta` u fi kwalsiasi kaz huwa konfliggenti mar-raguni l-ohra ta' l-iskedar billi uzu agrikolu jista' wkoll iwassal ghad-distruzzjoni ta' pjanti allegatament endemici;

3. Fit-tielet lok ma hemm l-ebda pjanti appartenenti lill-*maquis community* fuq is-sit in kwistjoni u lanqas ma gie allegat mill-Awtorita` li tali pjanti jezistu fuq is-sit. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kienet bla bazi fil-ligi;

4. Fir-raba` lok, id-decizjoni ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qeghda tippriva lill-appellant mill-uzu u pussess ta' l-art tieghu minghajr ebda kumpens u b'hekk qeghda tkisser id-drittijiet fundamentali tieghu. Huwa evidenti li l-art in kwistjoni sitwata f'nofs arja ta' zvilupp bi zvilupp sostanzjali ma' kull parti tat-territorju ma ghandha ebda uzu hlief ghall-izvilupp. Il-Gvern stess li kellu propjeta` attigwa zviluppa minghajr ma qaghad iqis l-importanza tal-pjanti endemici fil-lokal. Ma hux gust li r-rikorrent jigi penalizzat ghall-vantagg pubbliku.

Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi gja prodotti u jirrizerva li jgib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar ta' l-20 ta' Settembru 2002 fil-kaz fl-ismijiet premessi u b'hekk tirrevoka l-iskedar tal-propjeta` tar-rikorrenti.

Rat id-decizjoni ta' l-20 ta' Settembru 2002 moghtija mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 15 ta' Ottubru 2002 a fol. 17 sa 22 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi permezz ta' decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar numru 101/97 KA ta' l-20 ta' Settembru 2002 fuq skedar li sar mill-Awtorita` esponenti fuq sit propjeta` ta' l-istess socjeta` appellanti, il-Bord iddecieda billi cahad l-appell u kkonferma l-iskedar;

2. Illi s-socjeta` Trimeg Limited interponiet dan l-appell mid-decizjoni hawn fuq imsemmija tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar;

3. Illi preliminarjament, jinghad li l-appell kif interpost huwa null *stante* li mhux qed isir skond l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kap. 356)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Fil-fatt huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord.

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom fis-sentenza **"Emmanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciza fil-31 ta' Mejju 1996 fejn gie spjegat li:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi* <u>*biss*</u> *kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi …… Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata."*

Illi fil-kaz in ezami, l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ma ddecieda l-ebda punt ta' ligi izda semplicement ra l-valutazzjonijiet tas-socjeta` Trimeg Limited u ta' l-Awtorita` esponenti, ra r-rapport li sar *ex parte* mill-istess socjeta` Trimeg Limited u kkonkluda f'pagni 11 u 12 li qed tigi kkwotata parti minnha, illi *"…… il-Bord huwa tal-fehma li apparti dawn iz-zewg ragunijiet favur l-iskedar tas-sit jezistu fatturi ohra, ta' natura xjentifika, li jillimitaw favur il-konferma ta' l-iskedar. Dawn il-fatturi huma elenkati fir-rapport tad-Direttorat ta' l-Ippjanar li ma gewx ikkontestati mill-appellant bhala mhux korretti. ……. Dan il-fattur wahdu biss huwa gja sufficjenti biex jikkonvinci lil dan il-Bord biex jikkonferma l-iskedar u dan minhabba l-fatt li l-iskedar huwa mehtieg sabiex tigi konservata speci li tinsab bss f'Malta biex b'hekk tigi protetta l-bio-diversita` ta' dawk l-ispeci hemmhekk imsemmija. Malta hija fil-fatt marbuta b'numru ta' trattati internazzjonali li jesigu l-protezzjoni ta' speci endemici u ghalhekk dak li qed taghmel l-Awtorita` f'dan il-kaz, huwa li timplimenta l-obbligi internazzjonali taghha."*

*Inoltre* huwa ben risaput li l-interpretazzjoni tal-ligijiet u regoli dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Appell, li huwa kompost, *inter alia,* minn persuni teknici u esperti fil-qasam ta' l-ippjanar, u ghaldaqstant ghandu jkun dan il-Bord li jiddeciedi dwar materji teknici bhal materja mportanti ta' skedar. Dan il-principju, jigifieri li l-interpretazzjoni tal-ligi maghmula mill-Bord m'hijiex sindakabbli kien konfermat regolarment mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbli Qorti (cf Dr. Alfred Grech vs Awtorita` ta' l-Ippjanar – deciza 31 ta' Mejju 1996 – Appell Nru. 93/94). Ghalhekk il-Bord ta' l-Appell ghandu diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzjoni u japplikaha ghall-fatti li jingiebu quddiemu, u din l-

interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti ma tistax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor.

*Altrimenti* din l-Onorabbli Qorti tkun qeghda tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Appell u b'hekk tagixxi ta' tribunal tat-tielet istanza. Dan kien konfermat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza **"Angelo Farrugia vs *Chairman* ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (Deciza 24 ta' April 1996) fejn l-aggravju ta' l-appellant kien li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b'mod skorrett il-Pjan ta' Stuttura u naqas milli japplika certu dispozizzjonijiet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati.

*"Tali nterpretazzjoni …… hija esklussivament fil-mansjoni ta' l-ezercizzju tal-poteri ta' l-organi ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord ta' l-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qeghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f'materja teknika li tispetta biss skond il-ligi lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b'ligi biex jiddetermina materji ta' din ix-xorta."*

Dan l-insenjament kien konfermat f'diversi sentenzi ohra fosthom **"Zaren Camilleri vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (deciza 28 ta' Frar 1997 – Qorti ta' l-Appell) fejn il-Qorti qalet illi:-

*"Johrog car minn din id-dispozizzjoni (u cjoe` l-**artikolu 15 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp)** li l-gurisdizzjoni li nghatat lil din il-Qorti li tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, tikkoncerna biss u esklussivament, kwistjonijiet dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord. Ghalhekk huwa eskluz kull appell fuq kwistjonijiet ta' fatt. U biex appell fuq punt ta' dritt ikun ammissibbli, l-istess punt ta' dritt irid ikun deciz mill-Bord fid-decizjoni. Fi kliem iehor biex ikun hemm lok ghall-appell quddiem din il-Qorti ma jridx ikun hemm fid-decizjoni appellata semplici applikazzjoni ta' ligi ghall-fatti tal-kawza jew semplici enuncjazzjoni ta' xi ligi, izda invece irid ikun hemm kwistjoni ta' dritt li holqot vertenza jew diskussjoni u li l-Bord ikun applika l-attenzjoni tieghu fuqha billi trattaha debitament u ddefiniha fid-decizjoni li jkun ta."*

L-istess insenjament gie ukoll ripetut f'sentenza ricenti u cjoe` **"Delicata vs Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (deciza fil-31 ta' Mejju 2002 – Appell Numru 165/97 – Qorti ta' l-Appell) fejn din l-Onorabbli Qorti sostniet illi l-appellant kien qed jirribadixxi kwazi testwalment in-nota ta' sottomissjonijiet li kien ipprezenta quddiem il-Bord u jippretenti li din il-Qorti ta' l-Appell tiddeciedi dwar dawn il-punti teknici. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Evidentement din il-Qorti m'ghandha l-ebda setgha u gurisdizzjoni li taghmel dan, billi s-sottomissjonijiet li srau mill-appellant jirrigwardaw fatti u nterpretazzjonijiet ta' 'policies' li ma jirrisolvux ruhhom f'punti ta' dritt. Kif diga` ntqal il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti f'dawn l-appelli statutorji hija limitatissima u certament hija m'ghandhiex is-setgha li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni tal-Bord fuq dawn il-punti teknici li jikkostitwixxu biss punti ta' fatt li ghalhekk ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti."*

L-argumenti kollha ta' l-appellant huma bbazati biss fuq punti xjentifici li l-Bord ta' l-Appell wasal ghad-decizjoni tieghu u fuq kif ma jaqbilx mar-ragunijiet li ghamel il-Bord fuq il-ghala dak is-sit ghandu jigi kkonfermat l-iskedar tieghu. Kif diga` ntqal, il-Bord ghamel il-valutazzjonijiet tieghu wara li ra s-sottomissjonijiet kollha nkluz ir-rapport *ex parte* li s-socjeta` Trimeg Limited esebiet fl-atti tal-proceduri u wara li semghet ukoll ix-xhieda ta' diversi impjegati ta' l-Awtorita` esponenti fosthom dawk ta' Stephen Farrugia u Adrian Mallia. Is-socjeta` appellanti ma ressqet l-ebda argumenti ta' ligi f'dan l-appell u ghaldaqstant l-appell ghandu jigi meqjus bhala null.

Illi in kwantu ghar-raba' aggravju, u cjoe` dak ta' l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali billi l-Awtorita` qed tippriva l-appellant mill-uzu u pussess ta' l-art, wiehed irid jghid illi aggravju bhal dan ma jsibx lok fi proceduri bhal dawn, l-ewwel ghaliex talbiet ta' natura kostituzzjonali u mhux f'appell bhal dan fejn il-Qorti ghandha gurisdizzjoni biss fuq punti ta' ligi biss u mhux fuq fatti, u t-tieni ghaliex l-appellant ghadu ma ezawriex ir-rimedji kollha ordinarji li ghandu fid-disponsibilita` tieghu.

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell datata 20 ta' Settembru 2002 u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mis-socjeta` appellanti Trimeg Limited, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-20 ta' Settembru 2002, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 28 ta' Ottubru 2002 a fol. 23, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Peter Montebello ghan-nom ta' Peter Plant Ltd. vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-7 ta' April 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2003 fejn il-partijiet inghataw il-fakolta` li jipprezentaw noti ta' l-osservazzjonijiet; Profs.Ian Refalo talab li jigi allegat il-process ta' l-Awtorita` dwar l-iskedar ta' l-art *de quo;* il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza thalliet ghas-7 ta' Ottubru 2003 ghall finali trattazzjoni;

Rat il-verbal tas-7 ta' Ottubru 2003 fejn Dr. Ian Stafrace ipprezenta l-process ta' l-iskedar; Profs. Ian Refalo talab zmien sabiex jipprezenta talba biex issir referenza minn din il-Qorti lill-Qorti Kostituzzjonali, u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-26 ta' Jannar 2004;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghat-2 ta' Marzu 2004;

Rat ir-**rikors ta' Trimeg Limited ta' l-4 ta' Frar 2004** a fol. 31 u 32 tal-process fejn fl-ewwel lok ippremetta illi:-

Illi dan ir-rikors qed isir a tenur tal-verbal ta’ din l-Onorabbli Qorti tas-7 ta’ Ottubru 2003;

Illi s-sit proprjeta’ ta’ l-esponenti fuq il-Punent ta’ Triq St. Andrew, Pembroke giet skedata permezz ta’ Avviz Numru 583 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta’ Settembru 1996;

Illi meta din il-proprjeta` fuq imsemmija giet akkwistata mill-esponenti kien tinsab, kif ghada, f’nofs zona kompletament zviluppata fejn hemm gja ezistenti djar, *hotels*, kumplessi ta’ divertiment u hwienet li huma lkoll servuti b’zewg toroq principali;

Illi parti mill-istess art li minnha tifforma parti l-art proprjeta` ta’ l-esponenti intuzat biex tghaddi triq bl-iskop illi ‘l fuq imsemmija zviluppi jigu provduti b’access dirett mit-triq principali li twassal ghal Regional Road;

Illi b’konsegwenza ta’ dan l-iskedar, l-proprjeta’ ta’ l-esponenti giet reza kompletament bla valur *stante* illi hija ma tista’ taghmel l-ebda uzu kwalunkwe minnha u certament l-iskop ghal liema din l-art giet akkwistata, u maghha l-investiment ta’ l-esponenti, issa sfaxxa fix-xejn b’detriment kbir ghalih;

Illi *in oltre* l-post fejn qeghda l-art jekk din l-art ma hijiex tajba bix tigi zviluppata minhabba l-iskedar lanqas biss tista’ tintuza ghall-agrikoltura billi qeghda f’nofs zona ta’ zvilupp;

Ili kif jidher car minn dak hawn sottomess, l-Iskedar jammonta ghal tehid sforzata tal-proprjeta’ ta’ l-esponenti billi qieghed jivvjeta lill-istess esponenti milli tgawdi u taghmel uzu shih mill-art propjeta` taghha. Aktar minn hekk, propjeta` tista’ tittiehed biss minghand l-individwu meta jkun hemm skop pubbliku ghal tali tehid, filwaqt illi fil-kaz odjern it-tehid in kwistjoni ma sarx skond dak illi tipprovdi l-ligi dwar l-esproprjazzjoni tal-propjeta` privata u dan b’mod partikolari peress illi l-ebda kumpens ma nghata lill-esponenti ghal tali tehid;

Illi l-iskedar tal-propjeta` fuq imsemmija jivvjola d-dritt fondamentali ta' l-istess esponenti ghat-tgawdija tal-propjeta` privata u dan b'mod partikolari peress illi l-ebda kumpens ma nghata lill-esponenti ghal tali tehid;

Illi l-argument ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali jkompli jakkwista aktar u aktar sahha meta tqis illi r-raguni ghall-Iskedar hija wahda nfondata billi kieku l-art in kwistjoni kienet ta' tant valur allura l-bqija ta' din l-art ma kenitx tintuza sabiex tghaddi triq pubblika minn gjo fiha;

Illi ghalkemm kien hemm art ohra fil-vicinanzi li verament kellha valur ambjentali, din inghatat permess illi tigi zviluppata filwaqt illi l-art ta' l-esponenti giet skedata u ma tistax assolutament tigi zviluppata. Dan l-agir jammonta ghal trattament diskriminatorju fil-konfront ta' l-esponenti li huwa projbit kemm mill-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

Illi *in vista* ta' dak premess l-istess rikorrenti talab lill-Qorti sabiex taghmel Ordni ta' Referenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili a tenur ta' l-**artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** sabiex il-kwistjoni dwar il-ksur tad-dritt taghha ghad-dgawdija tal-propjeta` li tinsab fuq il-Punent ta' Triq St. Andrew f'Pembroke, kif protett mill-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu I ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** permezz ta' l-Iskedar fuq imsemmi, tigi trattata u finalment deciza.

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 11 ta' Frar 2004 fejn oppona ghat-talba ta' l-istess rikorrenti u dan minhabba dak li huwa sejjah bhala l-kompetenza limitata ta' din il-Qorti u wkoll li dan il-punt gie trattat fid-decizjoni **"John Mary Deguara vs D.C.C."** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003, fejn skond l-appellat inghad li din il-Qorti ma tistax tirreferi punt kostituzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili a tenur tal-providimenti ta' l-

**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni,** kollox kif hemm indikat a fol. 35 tal-process.

Rat id-digriet tat-18 ta’ Frar 2004 fejn dan il-punt ta’ riferenza thalla ghat-trattazzjoni.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Trimeg Limited ta’ l-1 ta’ Marzu 2004 fejn talbet differiment;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2004 u tat-12 ta’ Mejju 2004 fejn il-kaz gie differit sabiex id-difensuri jittrattaw il-punt dwar ir-riferenza kostituzzjonali;

Rat il-verbal tas-16 ta’ Gunju 2004 fejn id-difensuri talbu li jipprezentaw noti ta’ l-osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba;

Rat ir-rikors tas-socjeta` Trimeg Limited tat-23 ta’ Awissu 2004 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet annessa ma’ l-istess rikors.

Rat id-digriet ta’ l-20 ta’ Ottubru 2004 ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Philip Sciberras fejn il-Qorti laqghet it-talba b’dan li tat il-fakolta` lill-kontroparti sabiex tirrispondi fi zmien xahar;

Rat is-sottomissjonijiet tas-Socjeta` Trimeg Limited datata 20 ta’ Ottubru 2004;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru 2004;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 23 ta’ Novembru 2004 u dan wara li n-nota tar-rikorrenti giet notifikata lill-appellanti biss fl-4 ta’ Novembru 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-mertu ta' din id-decizjoni huwa limitat sabiex jikkonsidra r-rikors ta' l-appellanti datat 4 ta' Frar 2004 fejn l-istess rikorrenti talab li din il-Qorti taghmel riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili a bazi ta' l-**artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** u dan peress li l-istess rikorrenti qed jallega li meta sar l-iskedar tal-proprjeta' tieghu *"fuq il-punent ta' Triq St. Andrew, Pembroke"* permezz ta' Avviz Numru 583 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Settembru 1996, id-drittijiet fundamentali tieghu a bazi ta' **l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 1 tal-Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** gew lezi *stante* li l-imsemmi skedar jammonta bazikament ghal tehid sforzat tal-proprjeta' tar-rikorrenti u l-istess rikorrenti gie impedut milli jgawdi u jaghmel uzu shih mill-art propjeta` tieghu, u dan apparti li l-istess skedar ma sarx ghal skop pubbliku u wkoll l-ebda kumpens ma nghata lill-istess rikorrenti ghal tali tehid. L-istess rikorrenti qed jallega wkoll li peress li art fil-vicinanzi ta' dik tieghu inghatat permess biex tigi zvilupata filwaqt li tieghu giet skedata din wkoll tammonta ghal trattament diskriminatorju a bazi ta' l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi jidher car li din il-procedura rikjesta hija bbazata fuq l-**artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** li jipprovdi li:-

*"(3) Jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmija artikolu 33 sa 45 (maghdudin), dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliciment frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-*

*Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni".*

Illi l-ewwel ilment imqajjem mill-appellanti ghal din ir-riferenza hija li din il-Qorti ma hijiex Qorti kontemplata fl-istess subartikolu hawn indikat u dan ghaliex din il-Qorti, dejjem skond l-appellanti ghandha kompetenza limitata a bazi ta' l-**artikolu 15 tal-Kap 356** u cjoe' li tiddeciedi biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord ta' l-Appell.

Illi din il-Qorti thoss li l-istess Awtorita' appellanti hija ghal kollox zbaljata dwar dan *stante* li jidher li jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti bhala Qorti ta' l-Appell fis-*sede* taghha inferjuri hija Qorti stabbilita bil-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u rikonoxxuta fil-Kostituzzjoni ta' Malta, presjeduta minn Imhallef, u allura hija wahda minn dawk il-Qrati stabbiliti mill-Ligi, li la darba ma hijiex il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li ghandha gurisdizzjoni originali fuq kwistjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamenti tal-ligi skond l-**artikolu 46 (2) tal-Kap 1,** jew il-Qorti Kostituzzjonali, ma ghandhiex kompetenza sabiex tiddeciedi punti ta' natura kostituzzjonali dwar ksur ta' drittijiet fondamentali, u allura ghandha l-obbligu li tirreferi il-kaz lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sabiex il-punt kostituzzjonali jigi hekk deciz mill-istess, bi dritt ta' appell lill-Qorti Kostituzzjonali a bazi ta' l-**artikolu 46 (4) tal-Kap 1.**

Illi din l-ispjegazzjoni hija konformi ma' dak li gie ritenut fis-sentenza **"Il-Pulizija vs Emmanuel Vella"** (Q.K. 28 ta' Gunju 1983) u cjoe`:-

*"Minn ezami ta' din it-Taqsima (Kapitolu VIII – il-Gudizzjarju) jidher li l-Kostituzzjoni qieghda tikkontempla zewg xorta ta' Qrati – il-Qrati Superjuri u l-Qrati Inferjuri. Din id-distinzjoni maghmula mill-Kostitizzjoni taqbel mad-distinzjoni li kienet introdotta ghall-ewwel darba fil-bidu ta' l-okkupazzjoni Ingliza f'Malta mil-Ewwel Gvernatur Ingliz Sir Thomas Maitland, u tinsab fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif ukoll fil-Kodici Kriminali. L-istess taqsima, imbaghad, tirriferixxi ghall-Imhallfin tal-Qrati Superjuri u tiddisponi dwar il-hatra u tizmin tal-kariga taghhom. It-taqsima tirreferixxi imbghad*

*ghall-Magistrati tal-Qrati Inferjuri u tiddisponi dwar il-hatra taghhom u tapplika ghalihom id-dispozizzjonijiet rigwardanti t-tizmim tal-kariga ta' Mhallef. Jidher car mill-kumpless tad-dispozizzjonijiet ta' din it-Taqsima li minn ghamel il-Kostituzzjoni bil-kelma "Qorti" ried jidhem biss "Qorti Superjuri" jew "Qorti Inferjuri".*

Illi dan gie wkoll kkonfermat fis-sentenza **"Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs Igantius Licari nomine"** (Q.K. – 30 ta' Gunju 2004) fejn inghad li:-

*"Din il-Qorti ma tara li ghandha bl-ebda mod tiddipartixxi minn dan l-insenjament. L-organi gudizzjarji ordinarji huma dawk li jikkwalifikaw bhala jew Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri fit-termini tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u huwa ghal dawn "il-qrati" li l-legislatur qed jirreferi fl-Artikoli 46 (3) u 47 (1) tal-Kostituzzjoni.*

*Biex tikkonkludi, ghalhekk, din il-Qorti tafferma li l-qrati li l-legislatur qed jirreferi ghalihom fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (moqri fid-dawl kemm tal-Artikolu 47 (1) kif ukoll tad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-Kostituzzjoni), kif ukoll fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319 li ge mehud testwalment mill-Kostituzzjoni, huma fil-kamp civili, il-Qorti Civili, il-Qorti ta' l-Appell u l-Qorti Kostituzjonali, kwantu ghall-Qrati Superjuri, u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kwantu ghall-Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistati (Ghawdex) ghal dak li huma Qrati Inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ghall dak li huma Qrati Superjuri".* (Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **"Cecil Pace et vs Onorevoli Prim Ministru et"** (Q.K. 3 ta' Dicembru 1997).

Illi ghalhekk ir-riferenza li saret anke mir-rikorrenti ghad-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti Kostirtuzzjonali fl-ismijiet **"Il-Kummissarju ta' l-Artijiet vs Igantius Licari nomine"** (Q.K. 30 ta' Gunju 2004) hlief ghal dak li appena gie citat, ma tantx ghandha rilevanza ghall-kaz odjern *stante* li l-pozizzjoni ta' din il-Qorti hija ferm differenti minn dik tal-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet, li dwaru kienet tirrigwarda dik is-sentenza.

Illi din is-sitwazzjoni ma tidbiddilx anke jekk l-istess Qorti odjerna qed tagixxi taht id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 15 tal-Kap 356,** *stante* li xorta wahda baqghet Qorti hekk kif fuq inghad kostitwita, u certament li l-istess **artikolu 46 (3)** japplika ghaliha la darba din il-Qorti ma hijiex il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, u allura din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza hija sabiex tiddeciedi kwistjonijiet ta’ natura kostituzzjonali dwar ksur ta’ drittijiet tal-bniedem skond l-artikoli appoziti ta’ l-istess Kostituzzjoni.

Illi l-appellanti jaghmlu riferenza ghas-sentenza **“John Mary Deguara vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Marzu 2003) fejn qed jghidu li f’dik is-sentenza nghad li din il-Qorti ma setghatx tirreferi punt kostituzzjonali lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili minhabba l-limitazzjoni fil-kompetenza taghha minn appelli mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.

Illi taht dan din il-Qorti thoss li l-istess appellanti fehmu ghal kollox hazin l-import tas-sentenza fuq appena citata minn din il-Qorti hekk komposta. Fl-ewwel lok dik il-kawza ma kienitx titratta dwar talba ghal riferenza kostituzzjonali mill-istess Qorti lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili kif ghandha quddiemha llum a bazi ta’ l-**artikolu 46 (3) tal-Kap 1.** Minflok kien appell fejn l-appellanti hemmhekk talab li l-istess Qorti bhal dik odjerna tiddeciedi punti ta’ natura kostituzzjonali u l-appell kien proprju ibbazat ukoll fuq hekk. Dik il-Qorti gustament u korrettament ghaliex ma kienitx il-Prim’Awla tal-Qorti Civili u allura ma ghandhiex kompetenza kostituzzjonali, u wkoll ghaliex l-appelli quddiemha huma wkoll limitati skond l-**artikolu 15 tal-Kap 356** sostniet illi:-

*“Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-principju li fi kwistjonijiet ta’ natura kostutizzjonali f’dak li jirrigwarda allegati ksur ta’ drittijiet fondamentali tal-bniedem ai termini ta’ l-**artikolu 33 u 45 tal-Kap I,** hija biss il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali taghha, u fit-tieni istanza l-Qorti Kostituzzjonali, li skond l-**artikolu 46 ta’ l-istess Kap I** ghandha gurisdizzjoni originali u esklussiva sabiex tiddeciedi dwar punti ta’ l-istess natura*

*dwar drittijiet fondamentali prottetti fl-istess Kostituzzjoni, u l-istess artikolu jistabbilixxi l-procedura kif din ghandha ssir kemm permezz ta' riferenza skond is-subinciz (3) u kemm b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti, u ma jidhirx li l-istess appellant utilizza wahda minn dawn l-proceduri. L-istess japplika ghall-**Kap 319** skond id-dispozizzjonijiet appositi ta' l-**artikolu 4** ta' l-istess".*

Illi ghalhekk dik is-sentenza tikkonferma li l-procedura korretta hija dik li qed tigi ssugerita mill-appellat permezz tar-rikors tieghu fejn appuntu talab li ssir riferenza kostituzzjonali lill-din il-Qorti lill Prim'Awla tal-Qorti Civili a bazi ta' **l-artikolu 46 (3) tal-Kap 1.**

Illi jonqos li jigi determinat jekk il-kwistjonijiet imqajjma humiex frivoli u vessatorji. Biex tigi determinata din il-kwistjoni jinghad li l-appell quddiem din il-Qorti kien qed jattaka ordni ta' Skedar ta' proprjeta' ta' l-appellanti fuq il-punent ta' Triq St. Andrew, Pembroke bhala parti mill-*valley protection zone* u l-*buffer zone* skedata bhala livell 4 u dan skond avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 583 fis-6 ta' Settembru 1996. *In verita* kien qed jappella minn sentenza tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 20 ta' Settembru 2002 li cahad l-appell tieghu tal-25 ta' Frar 1997. Ovvjament dan l-appell sar presumibbilment skond id-dispozizzjonijiet tal-**Kap 356.**

Illi ovvjament dan l-appell ghadu *sub iudice* pero` ma hemm l-ebda dubju li dan qed jattaka l-istess imsemmija sentenza li qed tiddependi fuq l-istess Skedar; fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant odjern ghandha din it-talba ghar-riferenza kostituzzjonali, *stante* li qed jghid li l-istess Skedar imsemmi jilledi d-drittijiet fundamentali tieghu taht id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,** u dan peress li huwa qed jallega li b'tali decizjoni effettivament tammonta ghal tehid forzat tal-proprjeta' tieghu, u dan peress li huwa issa ma jistax jutilliza l-istess propjeta` jew jaghmel uzu minnha, u dan bla ma nghata ebda forma ta' kumpens. Dan apparti li dan it-tehid ma sarx ghal skop

pubbliku. It-tieni lment tieghu huwa li art ohra fil-vicinanzi giet moghtija permess ta' zvilupp filwaqt li fil-kaz ta' l-art ta' l-appellanti dan gie michud lilu permezz ta' l-imsemmi skedar, b'dan ghalhekk li l-istess appellant qed jallega li sofra diskriminazzjoni a bazi ta' l-**artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi din il-Qorti thoss li dawn il-punti sollevati mill-appellanti odjern fir-rikors tieghu ta' l-4 ta' Frar 2004 jikkoncernaw kwistjoni jew kwistjonijiet dwar jekk gewx lezi jew le d-drittijet kostituzzjonali tas-socjeta` appellanti, liema kwistjonijiet jinvolvu l-**artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 1 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi din il-Qorti thoss li tali kwistjonjiet certament ma jistghux jigi kkonsidrati bhala frivoli u vessatorji u dan anke *in vista* tal-fatt li jistghu jincidu direttament fuq l-mert ta' l-appell interpost quddiem l-istess Qorti li jiddependi fuq l-istess Skedar tal-propjeta' imsemmija, liema skedar qed jigi attakat kostituzzjonalment b'tali talba ghar-riferenza. *In verita* ghalkemm l-Awtorita' appellata allegat li tali kwistjoni jew kwistjonijiet huma frivoli u vessatorji, ma gabet l-ebda argument sabiex b'xi mod tissostanzja l-istess, u certament dak kontenut fl-ahhar paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-Awtorita' appellata ma huwa bl-ebda mod konsistenti u wisq inqas fondat.

Illi ghalhekk t-talba ta' l-appellanti ghar-riferenza kostituzzjonali kif mitluba fir-rikors tas-socjeta' Trimeg Limited datat 4 ta' Frar 2004 a fol. 31 u 32 ta' dan il-process ghandha tigi milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi b'riferenza ghar-rikors tas-socjeta' appellanti odjerna, Trimeg Limited datat 4 ta' Frar 2004, **tilqa' t-talba kif dedotta fl-istess rikors ta' l-4 ta' Frar 2004 b'dan li qed taghmel din l-ordni ta' riferenza**

**kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili a tenur ta' l-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta b'dan illi tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jittrazmetti dawn l-atti u partikolarment ir-rikors citat ta' l-4 ta' Frar 2004 lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex dik il-Qorti tiddeciedi fuq il-kwistjonijiet kostituzzjonali sollevati mis-socjeta` Trimeg Limited a bazi ta' l-artikoli hemm citati tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq citati, u fir-rikors tieghu appena msemmi a fol. 31 u 32 tal-process, liema rikors ghandu jifforma parti ntegrali ta' din id-decizjoni u riferenza kostituzzjonali.**

Bl-ispejjez rizervati, filwaqt li dan l-appell huwa minhabba din ir-riferenza u d-decizjoni differit *sine die* riappuntabbli wara decizjoni jew determinazzjoni finali fuq l-istess punt kostituzzjonali, u dan permezz ta' rikorsipprezentat fi zmien mhux aktar tard minn ghoxrin gurnata minn tali decizjoni finali, b'dan li sadanittant kull terminu huwa sospiz.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------